MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 877/2007/1

**Maria Saliba**

**vs**

**Christina Sammut**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Mejju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra **l-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu l-attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrifondiha s-somma ta’ seba` mitt lira Maltija (Lm700) imhallsa mill- attrici lill-konvenuta ghall-magna uzata fil-qasam tal-kura tax-xaghar, liema magna ttiehdet lura mill-konvenuta u qatt ma giet

irritornata, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra **r-risposta** tal-konvenutaipprezentata fit-28 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha eccepiet illi fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda ta' l-attrici **Maria Saliba** li waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2008 xehdet illi hija hairdresser u xtrat magna ta' hair extensions minghand il-konvenuta. Hija hallset Lm700 u kienu ftehmu illi thallasha l-bilanc aktar tard. Il-prezz kien ta' Lm1600. Tispjega kif eventwalment il-konvenuta kienet offritilha illi tiehu l-magna lura u ttiha l-flus lura sabiex tghaddi l-magna lil haddiehor. Tghid li hi kienet accettat izda l-flus baqghet ma hadithomx. Tghid li meta kienet cemplitilha kienet qaltilha li ser izzomm il-magna sakemm thallas u ftit wara kienu qablu illi l-konvenuta tghaddi lura l-magna lill-attrici u din thallasha bir-rata ta' Lm100 fix-xahar. Izda l-magna baqghet ma waslitx. Tghid li kienet regghet cemplitilha u l-konvenuta nfurmatha illi t-tifla kienet waqqghet il-magna u riedet tibaghtha ghat-tiswija. Tghid li wara kienet offritilha magna gdida, l-attrici kienet offritilha Lm100 fix-xahar izda l-magna baqghet ma waslitx. In kontro-ezami x-xhud tghid illi hija ghandha fil-pussess taghha kit ta' affarijiet li minghajr il-magna ma jistghux jintuzaw.

Ra n-nota tal-attrici pprezentata fid-19 ta' Gunju 2008 li permezz taghha esebiet kopja tac-cedola ta' depositu li permezz taghha l-attrici qeghdet taht l-awtorita` tal-qorti l-magna tal-hair extension u l-accessorji li kienu fil-pussess tal-attrici, kif ukoll kopja tad-dikjarazzjoni tal-konsenjatarja Maria Borg li ghandha l-kustodja tal-oggetti ndikati fil-lista annessa mad-dikjarazzjoni.

Sema` x-xhieda tal-konvenuta **Christina Sammut** li waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2008 xehdet illi wara li hallsitha s-Lm700, l-attrici kienet infurmatha illi kellha xi problemi personali u xtaqet thallas bin-nifs. Tghid li hi accettat izda l-pagamenti ta' Lm100 fix-xahar ma kienux saru. Tghid li wara xi sitt xhur kienet hadet il-magna lura u din kienet tidher li kienet uzata. Tghid li fil-Milied li ghadda hi kienet cemplitilha biex ittiha magna ohra u l-konvenut kkonfermat illi s-Lm700 kienet lesta li taqtaghhomlha mill-magna l-gdida. Tghid li kienet offritilha li thallasha bil-mod u hi ma kienitx kuntenta b'dak l-arrangament. Tghid ukoll li tul it-tliet snin l-attrici kienet baqghet tixtri oggetti minghandha u dejjem thallset.

Sema` x-xhieda in kontro-ezami tal-**attrici** li waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2008 ikkonfermat illi kienet talbet zmien biex thallas minhabba cirkostanzi personali. Tghid li l-ftehim kien li l-konvenuta kellha ggibilha l-magna u hi kellha thallasha bir-rata ta' Lm100 izda l-magna baqghet ma waslet qatt. Tghid li l-konvenuta kienet hadet xi affarijiet u l-kumplament hija ddepositathom il-qorti. Tikkonferma li hija kellha bzonn il-magna biex taghmel l-extensions.

Ra r-rikors tal-konvenuta tat-3 ta' Ottubru 2008 u ssussegwenti digriet ta' dan it-Tribunal tat-8 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu il-kawza fl-ismijiet inversi (Avv Nru: 445/08GMA) tpoggiet fuq il-lista flimkien ma' l-odjerna kawza, b'dan illi l-provi migbura fl-atti tal-kawza 887/07 ghandu japplikaw ukoll ghall-kawza 445/08.

Sema` lil **Pauline Fabri** prodotta mill-konvenuta li waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008 xehdet illi hija tahdem mal-konvenuta. Tghid li l-konvenuta kienet tibaghtha kull xahar biex tigbor il-pagamenti minghand l-attrici izda hija dejjem kienet tghidilha illi ma setghetx thallas ghalissa. Tghid ukoll li l-attrici kienet bdiet thallasha izda mbaghad waqfet.

In kontro-ezami tixhed illi dan kien madwar tliet snin ilu. Tghid li l-konvenuta kienet infurmatha illi l-magna kienet gabitha izda ma tafx id-dettalji. Tghid ukoll illi kienet baqghet tmur titlobha l-flus anki wara li ngabret il-magna ghaliex jidher illi l-ftehim kien li meta tithallas il-magna tigi ritornata.

Sema` lill-**konvenuta** li waqt is-seduta tat-23 ta’ Novembru 2009 in kontro-ezami tichad illi hija kienet qalet lill-attrici illi galadarba tbiegh il-magna hija kienet ser tirrifondilha s-Lm700. Murija Dok A mac-cedola tghid li hemm xi affarijiet neqsin. Tghid li l-magna tinsab fil-pussess taghha u hija mikrija bi ftehim mal-kumpanija ta’ barra. Tghid li hija kienet lesta taghti magna gdida lill-attrici unavolta illi thallas l-ammont kollu u mhux rati mensili.

Sema` x-xhieda in kontro-ezami ta’ **Pauline Fabri** li waqt is-seduta tat-28 ta’ Jannar 2010 xehdet illi ma taf xejn dwar hlasijiet fuq il-magna ghax hi qatt ma gabret flus fuqha. Taf pero` illi l-attrici kienet ghamlet xi pagamenti. Ma teskludiex illi l-attrici kienet qaltilha li ma setghetx thallas ghax ma kienitx qed tahdem ghax m’ghandiex il-magna. Izda tikkonferma illi lilha kienet qaltilha li ma setghetx thallas minhabba problemi familjari.

Sema` t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi Illi mill-provi rrizultaw is-segwenti fatti:

Illi Christina Sammut xtrat minghand Maria Saliba magna li taghmel il-hair extensions u fuqha hallset depozitu akkont ta’ Lm700.

Illi ghalkemm il-verzjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti f'hafna aspetti, dak li huwa cert huwa illi wara ftit xhur illi Sammut ghamlet uzu ta' l-istess magna, dina baqghet ma kienitx f'posizzjoni illi thallas il-bilanc tal-prezz. Saliba hadet lura l-magna u l-istess magna baqghet ghandha sakemm b'cedola ta' depozitu (kopja a fol 16 tal-process) hija ddepozitat l-istess magna taht l-Awtorita` tal-Qorti u qeghdet l-accessorji li kienu fil-pussess taghha, f'idejn il-konsenjatarja Maria Borg (kopja tad-dikjarazzjoni tal-konsenjatarja a fol 17 tal-process).

Illi mill-provi jidher illi l-attrici ghamlet uzu mill-magna ghal ftit xhur, bejn wiehed u iehor ghal erba` xhur, mid-data tal-invoice a fol 27 tal-process sa Dicembru tal-istess sena meta l-attrici hadet lura l-magna in kwistjoni.

Jidher ukoll illi l-konvenuta ghamlet uzu minn xi accessorji li gew flimkien ma' l-istess magna, izda mhux ta' kollha, stante illi hekk kif elenkat mill-konsenjatarja Maria Borg, hafna mill-accessorji gew ritornati flimkien mall-magna.

Il-konvenuta uzufruwiet ruhha wkoll mill-kors ta' jumejn ta' thejjija, li fl-invoice a fol 2 tal-process jinghata l-valur ta' sittin Liri Maltin (Lm60).

Jonqos ghalhekk illi jigi mistharreg jekk l-uzu tal-magna, l-accessorji u s-servizzi li hadet il-konvenuta minghand l-attrici jilhqux l-ammont li thallas minnha akkont, ossia Lm700 ekwivalenti ghal elf sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1631).

It-Tribunal jinnota illi ma ngabitx, la minn parti u lanqas mill-ohra, il-prova tal-kwantita` u l-prezz tal-accessorji li huma nkluzi fl-invoice a fol 27 li gew filfatt uzati mill-attrici u kemm irritornaw lura ghand il-konvenuta. Dan qed jinghad fl-isfond tal-fatt illi mill-prezz komplessiv ta' Lm1943.99 ossia €4529.50, meta jitnehhew il-prezz tal-magna

innifisha kif ukoll tal-kors li hadet il-konvenut, jibqa` l-ammont ta’ €2525.70, u ghalhekk l-istess accessorji jiffurmaw iktar minn nofs il-prezz komplessiv u inevitabilment jinfluwixxu fuq it-talba.

Illi inoltre fl-isfond tal-fatt illi *ex admissis* il-konvenuta uzat whud mill-accessorji illi kienu flimkien mal-magna, tenut kont ukoll tal-fatt illi ghamlet uzu mill-istess magna ghal madwar erba` xhur, tenut kont illi *ex admissis* ukoll attendiet u uzufruwiet mill-kors imnizzel fl-invoice, u tenut kont ukoll illi kienet hi li naqqset milli thallas il-bilanc tal-prezz kif kien miftiehem, it-Tribunal, a bazi tal-ekwita` u l-gustizzja illi huwa marbut bihom, jidhirlu illi l-prezz ta’ seba’ mitt Liri Maltin (Lm700) ekwivalenti ghal elf sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1631) huwa prezz gust ghas-servizzi uzati mill-istess attrici.

It-Tribunal, ihoss giust u opportun illi jirrimarka, kif anke ghamel fis-sentenza ghall-kawza 445/08ISB, illi b’daqxejn ghaqal u diligenza minflok il-pika li dahhlet bejnithom, il-partijiet setghu facilment evitaw dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti u t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-istess attrici.”

Minn din is-sentenza appellat l-attrici bl-aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti prodotti u, f’kull kaz, ma wzax il-kejl ta’ l-ekwita` kif ghandu jkun;

Huwa mill-bidunett evidenti illi t-Tribunal ippuntella d-decizjoni tieghu fuq binarju zbaljat ghal dak li hu l-apprezzament ta’ fatt dwar min fost il-kontendenti kellu jkun il-venditur u x-xerrej. Bil-kontra ta’ dak minnu dedott,

l-attrici kienet il-kompratrici tal-magna ghall-uzu tal-kura tax-xaghar bl-accessorji taghha mentri l-konvenuta kienet il-venditrici. Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra ta' dritt li ma jidhrux ghal kollox konformi ghan-natura tar-rapport guridiku naxxenti bejn il-partijiet;

M'hemmx dubju illi l-kontrattazzjoni raggunta kienet dik ta' bejgh. Bhala kuntratt konsenswali kien jiskatta effett traslativ u immedjat appena jkun sar ftehim fuq l-oggett u l-prezz tieghu (Artikolu 1347, Kodici Civili). F'dan il-kaz sar ukoll it-*traditio* ta' l-oggett mill-konvenuta lill-attrici ghal liema din ta' l-ahhar hallset akkont is-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) mill-prezz appattwit ta' elf disa' mija tlieta u erbghin lira, disgha u disghin centezmu (Lm1943.99), inkluziv tal-VAT;

Hi regola dettata mill-Artikolu 1433 tal-Kodici Civili illi "meta z-zmien u l-lok tal-hlas tal-prezz ma jigux miftehma fil-kuntratt, ix-xerrej ghandu jhallas fiz-zmien u fil-lok tal-kunsinna tal-haga". Ghandu jinghad illi fil-kaz prezenti din il-presunzjoni ma tapplikax in kwantu, kif ammess mill-konvenuta in kontro-ezami (fol. 41) il-ftehim kien li l-bilanc tal-prezz jithallas bir-rata ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar. Ma jirrizultax mill-materjal probatorju x'intent negozjali, la espressament u lanqas implicitament, ta' xi bejgh bil-*pactum riservati domini* jew bil-*hire purchase* ammessi mid-dottrina u mill-gurisprudenza illi l-oggett vendut isir ta' proprjeta` tal-kompratrici mal-hlas ta' l-ahhar rata. Il-bejgh kien wiehed semplici bit-trapass tal-proprjeta` mal-kunsinna tieghu kif soggett ghall-ftehim ta' dilazzjoni fil-hlas;

A propozitu fuq il-ftehim proprju m'hemmx hlief ix-xhieda ta' l-attrici u dik tal-konvenuta. Ta' l-ewwel issostni illi, minbarra dak diga` dedott, meta hi ma hallsetx ir-rati minhabba diffikoltajiet finanzjarji l-konvenuta talbitha l-magna lura ghaliex kien hemm persuna ohra interessata li takkwistaha u tghaddilha lura s-somma mhallsa akkont tal-prezz. Hi zzid tghid illi l-konvenuta zammet il-magna

pero` ma rrifonditilhiex is-somma (ara xhieda taghha a fol. 11 u fol. 23). Tat-tieni xehdet illi meta l-attrici baqghet ma hallsithiex hi hadet il-magna lura. Testwalment tistqarr illi "fizikament ghaddejtilha l-magna u fizikament hadtha lura meta l-hlasijiet ma gewx" (ara deposizzjoni taghha in kontro-ezami a fol. 41 *et sequitur*). Tghid ukoll illi lill-attrici qaltilha li meta tkun f'posizzjoni li thallasha, tirritornalha l-magna jew ukoll li taghtiha wahda gdida gjaladarba dik originarjament mibjugha kienet issubiet dannu u kellha tigi riparata. L-istess konvenuta cahdet li hi qalet lill-attrici illi jekk tbiegh il-magna tirrifondilha s-Lm700 li rceviet minghandha. Tammetti pero li hi l-magna *de quo*, effettwata t-tiswija, bdiet tinkera minnha lil terzi;

Premess dan, ic-cirkostanzi tal-kaz juru dan li gej:-

(1) Skond il-ftehim originali tal-bejgh tal-magna, il-konvenuta venditrici, kif hekk koncess minnha, kienet propensa taghti kreditu lill-attrici-xerrejja biex din thallas b'rati;

(2) In vista ta' l-inadempjenza ta' dawk il-hlasijiet il-konvenuta, bi qbil ma' l-attrici, hadet il-magna lura;

(3) Il-kuntrast bejn il-partijiet huwa jekk fil-ftehim sopravenjenti l-konvenuta ppromettietx lill-attrici li tirrimborsalha dak li hallset, skond kif kontez mill-attrici, jew ghall-kuntrarju, li l-magna tigi rikonsenjata una volta effettwat l-hlas bilancjali intier taghha. Dan skond kif iddikjarat mill-konvenuta;

(4) Evidentement, il-kwestjoni preponderanti taggira fuq dan il-ftehim sopravenjenti bejn il-partijiet li ghall-analisi tac-cirkostanzi li fih sehh wiehed izomm in mira fl-apprezzament tal-kredibilita` tax-xhieda;

Huwa apparenti illi almenu fil-motivazzjoni ta' l-attrici l-kuntratt ta' bejgh kien qieghed jigi rizolut b'effikacja retro-attiva fis-sens li bir-ritorn lura tal-magna lill-konvenuta hi tircievi minghand din ir-restituzzjoni ta' dak li hallset

akkont tal-prezz. Irid jinghad illi l-motiv wahdu mhux bizzejjed, anke ghaliex tezisti n-negazzjoni guramentata tal-konvenuta fuq daqshekk. Certament, imbaghad, il-Qorti difficilment taccetta l-proposizzjoni ta' l-attrici-appellanti ta' l-ezistenza ta' ingann adoperat mill-konvenuta fil-konfront taghha. Il-Qorti ma tirravviza ebda *animus decipiendi* fil-konvenuta, esternat f'raggiri jew f'manuvrar ta' xi falza rapprezantazzjoni biex l-attrici tigi indotta titlaq minn taht idejha l-magna. Il-prova ta' l-ingann, kif sostnut mid-dottrina legali, tirrikjedi rigur specjali, tant li ma jibbastawx is-semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet. Fil-kaz prezenti l-kredibilita` tal-konvenuta f'dan il-kuntest mhix sospetta ta' agir ingannevoli;

Naturalment, b'daqshekk il-Qorti mhix lanqas qed tixhet xi ombra fuq il-kredibilita` ta' l-attrici. Trid tghid biss illi in assenza ta' indizji gravi l-Qorti mhix perswasa li ghandha tiskarta l-versjoni l-wahda a preferenza ta' l-ohra. B'danakollu, il-Qorti mhix lanqas konvinta illi t-tribunal adopera kif imiss id-dritt ekwitattiv. Huwa veru li f'kazijiet ta' din ix-xorta tintervjeni mizura ta' diskrezzjonalita fil-valutazzjoni tal-provi izda, imbaghad, kien mistenni illi l-espressjoni tal-principju intiz bl-ekwita` kellu jittutela l-interessi reciproci tal-partijiet. Meta wiehed jipperkorri l-*iter* logiku-guridiku tac-cirkostanzi komplessivi tal-kaz, il-moderazzjoni rikonoxxuta lill-Gudikatur bl-operat ta' l-ekwita` kellha tissuggerilu l-adozzjoni ta' dak il-principju tal-prudenza ekwa li, rizolut il-bejgh l-attrici tbati almenu n-nofs tas-somma minnha mhallsa akkont bi tpattija ghall-uzu ta' xi xhur tal-magna. L-*arbitrium boni viri* u l-gustizzja sostanzjali kellhom, fil-minimu jservu ta' ghodda siewja ghas-soluzzjoni idoneja tal-punt kontrovertit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tvarja s-sentenza appellata billi takkolji l-appell limitatament fis-sens illi l-konvenuta appellata ghandha tirrifondi lill-attrici appellanti s-somma ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) ossija tmien mija u hmistax-il euro, tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------